**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 12/2021BS**

**Richard Ellis għan-nom ta' ommu Maria Ellis;**

**Antoinette mart George Borg kemm f' isimha propju kif ukoll għan-nom ta' ohtha imsiefra Lora Skinder kif ukoll għan-nom ta' Patricia Ross bint il-mejjet Louis Camilleri u Jennifer Lynn Runger bint il-mejta Therry li kienet tiġi bint il-mejjet Louis Camilleri;**

**Joseph Camilleri;**

**Therry Ciangura għan-nom ta' missierha Alfred Camilleri;**

**Austin Camilleri;**

**Alessio Camilleri;**

**Josef Camilleri;**

**George Camilleri**

**-vs-**

**Vincent Attard**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. Illi r-rikorrenti f' dan ir-Rikors Ġuramentat huma l-eredi ta' Alessio Camilleri, iben Luigi Camilleri u Maria sive Mary nee' Micallef li kien imwieled u residenti r-Rabat, Għawdex. Dan kif jirriżulta mill-annessa kopja ta' testment li sar fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sebgħin (1975) u liema kopja qed tiġi annessa bħala Dokument 'A";

2. Illi Alessio Camilleri wiret lill-missieru Luigi Camilleri li miet fir-Rabat Għawdex fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmintax (1918);

3. Illi Luigi Camilleri kien akkwista l-art magħrufa bħala 'Ta' Marsalforn' fil-kuntrada 'Tal-Qbajjar' fi Triq il-Qbajjar, f' Marsalforn, limiti taż-Żebbug, Għawdex tal-kejl ta' ċirca tlett siegħan (tre mondelli) (circa 561 m.k.) permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgħa (1904) u li kopja tiegħu qed tiġi annessa bħala Dokument 'B'.

4. Illi għalhekk din l-art akkwistata permezz ta' kuntratt li sar fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgħa (1904), indikata fil-paragrafu ta' qabel dan, għaddiet minn għand Luigi Camilleri għal għand ibnu Alessio Camilleri, missier in-nannu ta' uħud mir-rikorrenti u n-nannu tal-oħrajn, mal-mewt tal-istess Luigi Camilleri fit-tmintax (18)ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmintax (1918). Illi dan jirriżulta wkoll min-'*Notice of Devolutions of Property passing on death, provided for or contemplated in Title II of Ordinance no XVIII of 1918*' li kopja tagħha qed tiġi annessa bħala Dokument 'C'. F' dan id-dokument hemm elenkati l-propjeta' li kellu Luigi Camilleri u minnha jirriżulta '*porzione di terra 'Ta' Marsalforn'*;

5. Illi Alessio Camilleri akkwista parti oħra minn din il-propjeta' mertu ta' dan ir-Rikors Ġuramentat in forza ta' kuntratt li sar fl-atti tan-

Nutar Giuseppe Grech fis-sitta (6 ) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) u li kopja tiegħu qed tiġi annessa bħala Dokument 'D'. Permezz ta' dan il-kuntratt Alessio Camilleri akkwista minn għand il-Gvern ta' Malta porzjon art magħrufa bħala 'Tal-Qbajjar' fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Għawdex tal-kejl ta' seba' u sebgħin (77) metru kwadru u li tikkonfina mit-Tramuntana mat-Triq il-Qbajjar, nofsinhar mal-propjeta' ta' Alessio Camilleri (dik imsejjima fil-paragrafu tlieta (3) hawn fuq) u fil-lvant ma passaġġ. Alessio Camilleri akkwista din il-propjeta' minn għand il-Gvern ta' Malta biex l-art li wiret minn għand missieru kollha kemm hi jkollha faċċata fuq Triq il-Qbajjar f' Marsalforn;

6. Illi matul ħajtu Alessio Camilleri biegħ parti minn din il-propjeta' iżda fid-data tal-mewt tiegħu, (tlieta (3) ta' Jannar 1999) huwa kien fadallu parti tal-kejl ta' tlett mija u wieħed u tletin punt ħamsa metri kwadri (331.5 m.k.). Infatti fid-dikjarazzjoni causa mortis li saret fl-atti tan-Nutar Paul Pisani fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) fil-paragrafu numru tlieta (3) hemm dikjarata din l-art "porzjon art fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca tlett mija u wieħed u tletin punt ħamsa metri kwadri (331.5 m.k.) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, punent ma beni ta' l-eredi ta' Carmelo Attard jew avventi causa u lvant ma beni tal-eredi ta' Mose Galea, jew avventi causa. Infatti din ġiet dikjarata li tiswa tnejn u għoxrin elf lira Maltin (LM22,000) u tħallset it-taxxa tas-suċċessjoni fuq l-istess. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni causa mortis u korrezzjoni tagħha qed tiġi markata bħala Dokument 'E'.

7. Illi ħadd mill-atturi, eredi ta' Alessio Camilleri, ma biegħ xi parti minn din il-porzjon art mill-elf disa' mija u disgħin (1999) sallum;

8. Illi din l-art tinsab fil-pussess tal-konvenut Vincent Attard mingħajr ebda titolu validu u l-istess Vincent Attard mhux il-propjetarju ta' din l-art stante li din hija propjeta' tal-atturi. Vincent Attard jaħdem din l-art stante li din hija qrib ir-residenza tiegħu u kienet titħallas qbiela fuq l-istess art li f' xi żmien ma tkomplietx titħallas;

9. Illi l-atturi intavolaw ukoll Mandat ta' Inibizzjoni li jġib in-numru 54/202 fl-ismijiet "Richerd Ellis noe et vs Vincent Attard" sabiex jassiguraw li l-konvenut ma jippruvax jbiegħ din l-art. Dan il-Mandat ġie milqugħ permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020);

10. Illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex nkluż permezz ta' ittri uffiċċjali fosthom ittra uffiċċjali tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) iżda dan baqa' ma ħariġx minn din l-art;

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi bħala eredi ta' Alessio Camilleri huma propjetarji ta' porzjon art fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca tlett mija u wieħed u tletin punt ħamsa metri kwadri (331.5 m.k.) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, punent ma beni ta' l-eredi ta' Carmelo Attard jew avventi causa u lvant ma beni tal-eredi ta' Mose Galea, jew avventi causa u li l-konvenut qed jippretendi b' mod abbużiv u illegali illi hija propjeta' tiegħu;

2. Konsegwentament tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li lilu jiġi stabilt minn din l-Onorabbli Qorti joħroġ minn din l-art propjeta' tal-atturi sabiex din tgħaddi f' idejn l-atturi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 54/2020 fl-ismijiet 'Richard Ellis noe et vs Vincent Attard', tal-ittri uffiċċjali u interpallatorji u bl-inġunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' April 2021 il-Qorti ħalliet il-kawża għal sentenza preliminari limitatament dwar il-kontumaċja tal-konvenut fit-termini tal-Artikolu 158(13) tal-Kap 12.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi dak inhar stess tal-primo appuntamento, u ċioe waqt l-udjenza tat-13 ta' April 2021, l-atturi ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt illi sadakinhar il-konvenut ma kienx għadu ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet. Talbu għalhekk illi l-konvenut jiġi ddikjarat kontumaċi fit-termini tal-Artikolu 158(13) tal-Kap 12.

Il-konvenut laqa' billi eċċepixxa illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata ma kienx skada u għaldaqstant, anki jekk il-primo appuntamento ippreċeda l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata dan ma kellu jservi ta' ebda xkiel għall-konvenut sabiex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu.

Bħala fatt jirriżulta illi l-atturi ntavolaw ir-rikors ġuramentat tagħhom fl-1 ta' Marzu 2021. B'digriet tal-25 ta' Marzu 2021 il-Qorti ordnat in-notifika tal-atti u akkordat lill-konvenut għoxrin jum għar-risposta. Permezz tal-istess digriet il-Qorti ffissat l-ewwel dehra għal nhar it-13 ta' April 2021.

Mir-riferta a tergo tal-avviż tas-smigħ jidher illi dan l-avviż flimkien mad-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Marzu 2021 u mar-rikors ġuramentat ġew notifikati lill-konvenut fil-5 ta' April 2021. Tajjeb jingħad illi l-konvenut jirrikonoxxi l-fatt illi ġie debitament notifikat bl-atti tant illi jgħid u jenfasizza illi tenut kont ta' meta ġie notifikat u li għandu jedd ta' għoxrin jum għar-risposta, huwa kellu terminu sal-24 ta' April 2021 sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Il-konvenut żied jgħid illi l-fatt li l-primo appuntamento ippreċeda l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata mhu xejn għajr il-konsegwenza ta' dewmien sakemm ġie notifikat bl-atti.

**Ikkunsidrat**

F'dan il-każ il-Qorti trid tiddetermina jekk in-nuqqas ta' ħarsien tad-disposizzjoni kif riflessa fl-Artikolu 158(13) tal-Kap 12, u ċioe il-fatt illi l-konvenut naqas milli jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu sa dak inhar tal-ewwel dehra nhar it-13 ta' April 2021, minkejja l-fatt li sa dak inhar kien għadu għaddej it-terminu tal-għoxrin jum kif indikat fl-avviż fuq ir-rikors promotur, jammontax għal kontumaċja.

Il-kontumaċja hija regolata permezz tal-Artikolu 158 tal-Kap 12. L-Art 158(1) jipprefiġġi terminu ta' għoxrin jum dekorribbli min-notifika tal-atti lill-konvenut sabiex dan iressaq ir-risposta tiegħu bil-miktub. Il-liġi trid illi l-avviż lill-konvenut jingħata mill-attur inniffsu fl-att promotur stess fejn fl-intestazzjoni, addirittura fil-quċċata tal-ewwel paġna tal-att promotur u qabel ma jitniżżel l-okkju tal-kawża għandu jitniżżel l-avviż fil-forma li jesiġi l-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap 12:

"*Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħugħandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fiżmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika,cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.*"

L-għoti ta' dan l-avviż mhix sempliċi formalita` tant illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 156(7) tal-Kap 12 ir-reġistratur tal-Qorti huwa prekluż milli jirċievi l-att promotur li jkun karenti f'xi wieħed mir-rekwiżiti essenzjali kif elenkati taht l-Artikolu 158(1) tal-Kap 12 u fejn dan id-dettall jisfuġġi l-attenzjoni tar-reġistratur, il-konvenut li ma jkunx ingħata dan l-avviż ma jistax jitqies li huwa kontumaċi għaliex ma weġibx[1].

L-Artikolu 158(13) tal-Kap 12 jidher illi joffri deroga mir-regola ġenerali għall-preżentata ta' risposta entru għoxrin jum min-notifika tal-avviż. Id-dispozizzjoni taqra hekk:

---

[1] Ara: **Helen Milligan vs Anthony sive Tony Xuereb**, Qorti tal-Appell 30 ta' Mejju 2014.

*(13) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewweldarba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja tagħhom lill-attur billi jagħti kopja lilu jew lill-avukat tiegħu f'dik l-istess seduta.*

Il-kunċett tal-kontumaċja fi proċediment ċivili tnissel mill-kelma "Kontumelia" li tfisser disprezz. Dan id-disprezz jew insult jirriżulta meta il-konvenut wara illi jiġi notifikat bl-att ġudizzjarju, fil-każ in eżami l-avviż, jinjorah. Il-liġi tqis id-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti bħala li jġorr miegħu ramifikazzjonijiet ta' ordni pubbliku u diżordni fis-soċjeta`[2] u per konsegwenza tali aġir għandu jiġi punit sabiex jiġi assigurat rispett u adeżjoni għall-ordnijiet mogħtija mill-Qorti[3]. Fil-każ ta' dikjarazzjoni dwar kontumaċja, is-sanzjoni tkun dik illi l-konvenut jiġi prekluż milli jipparteċipa b'mod attiv fil-proċess ġudizzjarju.

It-terminu prefiss mill-Artikolu 158(1) huwa wieħed perentorju. Jingħad illi *"in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli tagħhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan għal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja għal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita"*.[4]

L-impożizzjoni ta' dawn it-termini proċedurali rigoruzi ġġorr magħha effetti mill-aktar drastiċi b'sanzjonijiet punittivi odjużi li spiss ma jkunux jistgħu jiġu sanati. Huwa għalhekk paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja għandu jiġi nterpretat u applikat b'mod restrittiv[5].

Huwa utli jiġi mfakkar dak li ngħad mill-**Permanent Law Reform Commission** fir-rapport tagħha tat-22 ta' Novembru 1993. Ingħad hekk:

---

[2] Ara: **Samchrome FZE vs Danko Koncar et**, Qorti tal-Appell, 11 ta' Marzu 2016
[3] Ara: **Noel Calleja vs Middle Sea Valletta Life Insurance**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Jannar 2015
[4] Ara: **Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority**, Appell mill-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Diċembru 2007
[5] Ara: **Emanuela Gerada vs Joseph Abela et**, Qorti tal-Appell, 17 ta' Marzu 1997

*"The obtaining position with regard to default varies depending upon the manner in which the proceedings are instituted, and that is whether by writ of summons or libel, as well as depending upon whether the proceedings are taken in the inferior or superior courts or on a first or second instance. Though the possibility of default exists in all cases, the matter is visited with the full vigour of the law only in the case of proceedings instituted by writ of summons in the Superior Courts. In such cases section 158(9) provides that if the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in that section, the court shall give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for the default in filing the statement and declaration within the prescribed time.*

*The Commission is of the opinion that this provision is excessively formalistic and ritualistic in its view of the proceedings. The right to a fair hearing inherent in a party is very often, in this manner, made dependent on the efficiency or otherwise of the lawyer entrusted with his defence. Moreover the Commission has noted that other Courts do not always adopt a standard rule in qualifying as culpable or otherwise the failure to present the defence in good time. When one considers the serious consequence attendant at law upon default, a situation where a standard rule is not applied throughout is unacceptable.*

*The Commission has also directed its study to the position obtaining in foreign jurisdictions. The comparative ease with which default can be cured in these jurisdictions compares starkly with the position obtaining in Malta. The position in England goes further than anywhere else and allows a default judgement to be set aside if the defendant can show to the satisfaction of the court that he had a good defence which he could have set up to the claim (John O'Hare and Robert N. Hill, Civil Litigation, p. 251.). In Italian procedure it is possible for the defendant to cure his default by putting in an appearance, even at a later stage than that established for raising his defence (Satta, Commentario al Codice di Procedura Civile, p. 387). The Commission favours the amendment of Maltese law to bring it in line, on this point, with the position obtaining in other foreign jurisdictions.*

*The Commission is therefore suggesting that the position should be amended so that a party will be allowed to cure his default if he can show to the satisfaction of the court that there was no fault on his part in the default or that prima facie he can put up a defence to the claim".*

Il-Kummissjoni ressqet is-suġġeriment tagħha sabiex issir emenda fil-liġi u l-Artikolu 158 jigi jaqra hekk:

*"If the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in this section, the court may, after hearing such evidence as it may consider necessary, give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for his default in filing the statement and declaration within the prescribed time, or unless he satisfies the court that he has a prima facie defence, in law or in fact, to the action on the merits or unless he otherwise discloses such issues of law or of fact as may be deemed sufficient to entitle him to defend the action".*

Dan is-suġġeriment wassal għall-introduzzjoni tal-emenda kif illum riflessa fl-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 li jaħseb f'sitwazzjonijiet fejn il-kontumaċja tista' tiġi ġustifikata b'tant illi fejn jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-aġir tal-konvenut ma kienx wieħed ta' disprezz ammontanti għal htija, il-Qorti għandha tqis il-kontumaċja bħala ġustifikata[6]. Il-Qorti tieħu spunt minn dan sabiex tfakkar illi f'sens sempliċistiku il-kontumaċja tfisser li l-konvenut mhux sejjer jiddefendi ruħu. Fl-ordinament ġuridiku tagħna il-proċess ċivili huwa mibni fuq il-prinċipju tal-kontradittorju fejn il-partijiet kollha, abbażi tal-prinċipju l-ieħor *audi alteram partem*, ikollhom il-jedd li jipparteċipaw fil-proċess b'mod attiv b'kull wieħed iressaq il-provi tiegħu għall-ġudizzju aħħari tal-Qorti. Dan il-proċess ma jistax jilħaq il-milja tiegħu jekk parti waħda tiġi prekluża milli tipparteċipa fih. Għalhekk, fl-aħjar interess tal-ġustizzja, il-kontumaċja għandha kemm jista' jkun tiġi evitata. Dan ma jfissirx illi l-Qorti għandha turi klemenza assoluta. Fl-indaġini tagħha l-Qorti trid tħares sia l-interess tal-konvenut li jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu iżda trid tħares daqstant ieħor l-importanza li l-proċess ġudizzjarju ma jiġix imġebbed inutilment u kapriċċożament għaliex id-dilungar fih innifsu jista' joħloq preġudizzju serju u inġustizzja fil-konfront tal-attur u b'mod aktar wiesa' fil-konfront tas-soċjeta`.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Costantino Abela vs George Azzopardi** deċiża fit-28 ta' Mejju 1990 il-Qorti tal-Appell tenniet illi:

---

[6] Ara: **Maria Zammit vs Agostino Zammit**, Qorti Civili, Prim'Awla, 11 ta' Marzu 2003

*"Il-prezenza tal-konvenut fil-kawza – fis-sens guridiku tal-kelma tfisser li huwa jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata fiz-zmien stabbilit fil-ligi u meta ma jagħmilx dan u ma jiggustifikax dik l-ommissjoni, għandu jigi kkunsiddrat kontumaci – kif kjarament tiddisponi l-ligi. Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci fis-sens pjen tal-kelma.*

*Il-prezenza tal-konvenut fl-udjenza għalhekk hija indizju li l-istess konvenut mhuwiex disubbidjenti għall-ordni tal-Qorti u l-Qorti għalhekk hija fl-obbligu li tindaga jekk il-prezenza fl-udjenza hix genwina jew le, u fiha jigi ndagat jekk l-assenza fl-atti processwali hix gustifikata jew le. Din l-indagini hija obbligata għaliex il-konsegwenza tal-kontumacja hija gravi in kwantu c-cahda tal-ordinament mill-konvenut tittiehed bhala rinunzja tal-konvenut għad-dritt tiegħu fundamentali fl-amministrazzjoni tal-gustizzja dak li jagħti r-ragunijiet tiegħu kontra dawk ir-ragunijiet li jingiebu kontra tiegħu;*

*Il-gurisprudenza għalhekk ezaminat l-istitut tal-kontumacja u analizzat ukoll il-forom tal- gustifikazzjoni tal-istess u ssir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza Cassar vs. Vassallo (Volum XXIX.i.1581) fejn hemm migbura s-sentenzi precedenti rilevanti;*

*Fil-kaz prezenti l-kontumacja tal-konvenut ma kinitx kompluta, inkwantu huwa deher għall-ewwel seduta …*

*Huwa manifest illi biex dan il-principju" (tal-audi alteram partem) "ma jigix applikat irid ikun hemm ragunijiet cari u univoci li effettivament il-konvenut irrinunzja għal dak id-dritt bil-kontumacja tiegħu għall-ordni tal-Qorti biex jidher u jirrispondi għall-gudizzju. L-interess li wera l-konvenut, ir-rikorsi tiegħu biex jitlob li jiddefendi ruhu, matul il-process li dam sejjer hdax-il xahar, juru li l-konvenut ma giebx ruhu in konformità mal-ispirtu ta' indocilità, disubbidjenza, kontumacja u renitenza li huma l-karatteristici tal-konvenut kontumaci".*"

Fejn si tratta dwar ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għandha ssir distinzjoni netta bejn dawk il-każijiet fejn il-konvenut juri bl-aktar mod ċar li m'għandu ebda interess fil-proċeduri u dawk il-każijiet fejn il-konvenut

kellu kull interess u intenzjoni li jikkontesta l-kawża iżda minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tiegħu ma laħaqx jagħmel dan. Fl-ewwel sitwazzjoni tirrizulta kontumacja bi htija u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*[7]. Mill-banda l-ohra fit-tieni sitwazzjoni tirrizulta kontumaċja li tista' tkun ġustifikabbli u per konsegwenza mhux sanzjonabbli.

Qabel tawtorizza lill-konvenut sabiex iressaq l-eccezzjonijiet tiegħu il-Qorti għandha tqis b'ċirkospezzjoni r-raġunijiet mogħtija mill-konvenut sabiex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu u m'għandhiex tqis il-preżenza tiegħu bħala biżżejjed sabiex jiġġustifika l-kontumaċja. Waqt illi l-preżenza tal-konvenut huwa pass pożittiv u neċessarju fl-indaġini li trid issir mill-Qorti sabiex tevalwa jekk il-kontumaċja hix ġustifikata jew le, fl-istess waqt il-il-preżenza tiegħu waqt l-udjenza hija biss l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali li l-konvenut huwa msejjaħ iwieġeb bil-miktub u fiż-żmien stabbilit[8]. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina et vs Lino Debono**, deċiża fis-7 ta' Ottubru 1997 il-Qorti tal-Appell osservat illi l-preżenza tal-konvenut għall-ewwel dehra mhix biżżejjed għaliex li kieku dan l-att sempliċi kellu jkun biżżejjed sabiex jiġġustifika l-kontumaċja l-istitut tal-kontumaċja jispiċċa jiddgħajjef tant li jiġi reż inefettiv. Il-Qorti żiedet tgħid illi interpretazzjoni daqstant laxka tmur kontra l-ispirtu tal-liġi u kontra s-sens ta' ġustizzja proċedurali kif imħarsa bir-regoli stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

Fil-kawża fl-ismijiet **Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend et** deciza fil-11 ta' Jannar 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti siltet b'mod akkurat id-distinzjoni bejn il-kontumaċja kolpuża u dik ġustifikabbli. Ingħad hekk:

*"Għalkemm ma baqgħetx il-ħtieġa tal-preżenza tal-konvenut biex tkun tista' ssir il-kawża, xorta waħda baqgħu it-traċċi ta' qabel li jikkastigaw lill-konvenut talli jonqos li jidher u jiddefendi lilu nnifsu. Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.*

---

[7] Ara: **Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia**, Qorti tal-Appell, 16 ta' Frar 1996.
[8] Ara: **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Jannar 2005.

*Illi tqum il-mistoqsija kemm dan huwa ġust meta l-konvenut ma jkollu l-ebda intenzjoni li jkun tabilħaqq kontumaċi, fis-sens li jiġi jaqa' u jqum minn x'tista' tiddeċiedi l-Qorti, imma ma jagħmilx dak li jkun mistenni minnu minħabba xi mpediment li ma jkollux kontroll fuqu inkella jkun aljenat, inkwetat minħabba xi problemi personali, jew ikollu avukat ittraskurat.*

*Huwa skontat li min-naħa l-waħda impediment estraneu u barra mill-kontroll tiegħu żgur li ma jammontax għall-kontumaċja; u min-naħa l-oħra mhix skużanti n-negliġenza grassa tiegħu. Imma mbagħad hemm każijiet ta' bejn dawn iż-żewġ estremi li jħallu lill-ġudikant f'konfondiment u perplessità dwar jekk il-konvenut ikunx ħaqqu jitħalla jiddefendi ruħu jew le.*

*F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara iżda li l-indulġenza li għandha turi ma tistax, u m'għandhiex, tkun mingħajr limitu. U l-limitu għandu jkun il-kunsiderazzjoni l-oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, li l-kawżi m'għandhomx jitħallew jitwalu mingħajr bżonn jew b'kapriċċ tal-litigant jew tal-istess Qorti, għax dewmien bħal dan ukoll jisarraf f'inġustizzja mal-kontroparti, normalment l-attur, li m'għandhiex tiġi ppreġudikata, kif ukoll mal-Istat u s-soċjetà in ġenerali li jsofru preġudizzju kbir ta' natura soċjo-ekonomika: Interest rei publicae ut sit finis litium."*

**Ikkunsidrat**

Fil-każ in diżamina għalkemm il-konvenut ma ppreżentax ir-risposta ġuramentata tiegħu sad-data tal-ewwel dehra, din ir-risposta ġiet intavolata entru t-terminu ta' għoxrin jum min-notifika lilu tal-atti. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u applikati l-insenjamenti fuq traċċjati, l-Qorti hija tal-fehma meqjusa illi għalkemm il-konvenut ma rrispettax it-terminu stabbilit fl-artikolu 158(13) tal-Kap 12, huwa m'għandux jiġi ppenalizzat billi jiġi dikjarat kontumaċi.

Il-Qorti qieset illi l-konvenut għamel l-għalmu tiegħu sabiex jikkontesta t-talbiet attriċi. Fil-fatt mhux talli deher għall-ewwel udjenza tal-kawża talli ħa ħsieb iqabbad avukat sabiex jidher għalih f'dik l-udjenza u jressaq bil-miktub l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut. Bl-aġir tempestiv tiegħu il-konvenut ħa ħsieb illi ma jilħaqx jiddekorri t-terminu ta' għoxrin jum min-notifika lilu tal-atti u għalhekk wera biċ-ċar illi għamel dak kollu li huwa fil-kapaċita` tiegħu sabiex jottempra ruħu mar-regoli riġidi kif indikati lilu fl-avviż. Dan l-aġir jixhed illi l-konvenut ma kellu ebda intenzjoni li jagħmel disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Jidher illi d-dibattitu dwar il-kontumaċja o meno tal-konvenut tnissel konsegwenza ta' kontradizzjoni serja li tirriżulta bejn ir-regola kif riflessa fl-Artikoli 156(1)(d) u l-Artikolu 158(1) u r-regola l-oħra kif ravviżata fl-Artikolu 158(13) tal-Kap 12. L-Artikoli 156(1)(d) u 158(1) jistabbilixxu r-regola ġenerali li l-konvenut għandu terminu ta' għoxrin jum dekorribbli mid-data tan-notifika tal-atti sabiex iressaq it-tweġiba tiegħu b'mod formali. Fit-termini ta' dawn id-dispożizzjoniiet il-kontumaċja tirriżulta biss jekk kemm il-darba l-konvenut, mingħajr ebda ġustifikazzjoni, jonqos milli jottempra ruħu entru t-terminu lilu konċess. Il-Qorti tosserva illi waqt illi l-leġislatur jeżiġi li jingħata l-avviż fit-termini tal-Artikolu 156(1)(d) u saħansitra l-kliem preċiż tal-avviż jinsab dettatt fl-istess disposizzjoni, din id-disposizzjoni tonqos milli tindika li l-liġi stess tagħmel eċċezzjoni għal din ir-regola. Per konsegwenza, meta l-konvenut jirċievi l-avviż huwa ndott jemmen li għandu terminu ta' għoxrin jum minn dak inhar sabiex iressaq ir-risposta ġuramentata tiegħu. Żgur illi mhux mistenni li l-konvenut ikun edott mill-fatt illi teżisti deroga għar-regola ġenerali! Dan il-punt kien diġa dibattut fil-kawża fl-ismijiet **Paul Buhagiar et vs Joseph**

**Cassar et** deċiża fil-25 ta' Novembru 2011 fejn il-Qorti tal-Appell għamlet enfasi fuq il-kontradizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ disposizzjonijiet imsemmija. Ingħad hekk:

*"Barra minn hekk, ladarba l-konvenuti kienu mgħarrfa, fir-rikors maħluf stess, illi kellhom għoxrin jum min-notifika biex iwieġbu, il-lejalta` fil-litigazzjoni kienet titlob illi ma jitħallewx li jiġu mqarrqa b'dak l-avviż, u li kellhom jingħataw l-opportunita biex iwieġbu ukoll li kieku l-art. 158(13) kien igħodd għall-każ. "Inċidentalment, dan l-episodju juri illi l-avviż li l-art.156(1)(d) irid li jingħata lill-konvenut ma huwiex kompatibbli mal-art. 158(13) u jidher illi huwa meħtieġ intervent leġislativ biex l-avviż jingħata f'forma differenti f'każijiet fejn japplikaw l-art. 158(13) u 195(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk il-qorti qiegħda tordna notifika ta' din is-sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati."*

Nonostante l-fatt illi s-sentenza appena ċitata tmur lura għas-sena 2011, il-Qorti tosserva li minkejja kemm emendi saru fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, din id-disposizzjoni tal-liġi baqgħet ma ġietx emendata. M'hemmx dubju illi m'għandux ikun il-konvenut illi jbagħti l-konsegwenza tal-passivita` tal-leġislatur.

Il-Qorti qieset ukoll id-diffikultajiet kollha li fihom kull settur jinsab jopera f'dawn iż-żmienijiet ta' sfidi kbar li qegħda toffri l-pandemija tal-Covid-19 u li preżentement għad hemm in vigore direttivi maħruġa mill-Uffiċju tal-Prim'Imhallef u oħrajn maħruġa mill-Kamra tal-Avukati fejn dawn qegħdin jirriduċu x-xogħol legali u s-seduti għal dak illi huwa strettament neċessarju u urġenti. Dan wassal fi stultifikazzjoni tal-proċess f'volum kbir ta' kawzi li m'humiex meqjusa bħala ta' natura urġenti. Fi sforz kbir sabiex titrażżan il-pandemija l-Awtortiajiet tas-Saħħa imponew fuq iċ-ċittadini diversi restrizzjonijiet fosthom li jiġi mminimizzat il-kuntatt bejn persuni li ma jgħixux fl-istess familja. Dan ħoloq ċertu diffikultajiet mhux biss sabiex jinżammu s-seduti iżda wkoll sabiex l-avukati jiltaqgħu fizikament mal-klijenti tagħhom sabiex iħejju d-difiża tagħhom b'mod adegwat.

Magħduda dawn iċ-ċirkostanzi lkoll flimkien u meqjus il-komportament tal-konvenut, il-Qorti tqis bħala ġustifikat in-nuqqas tal-konvenut li jottempra ruħu mat-terminu mpost bl-applikazzjoni tal-Artikolu 158(13)

tal-Kap 12. La darba dan l-aġir huwa ġustifikat ma hemmx lok illi l-konvenut ibagħti l-konsegwenza ħarxa tad-dikjarazzjoni tal-kontumaċja.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi l-Qorti tiddikjara illi l-elementi neċessarji tal-kontumaċja ma ġewx sodisfatti u għalhekk il-konvenut ma jistax jitqies bħala kontumaċi.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' dan il-provvediment għandhom jitħallsu mill-atturi.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur